**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum,23 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 485/19 AL

**Dr. Andrew Grima bħala mandatarju speċjali ta' A B C**

Vs

**D E C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar illi huma żżewġu fil-knisja ta' Sant'Anna, Marsasca;a, nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990);

2. Illi miż-żwieġ taggħhom kellhom żewġt itfal li jisimhom F C u G H C, li t-tnejn huma llum maġġorenni;

3. Illi fis-sena 2011, l-intimata D E C bdiet proċeduri ta' separazzjoni minn mal-esponenti. Peress li dak iż-żmien kien msiefer, l-interessi tiegħu fil-proċeduri kienu ġew kurati minn Av. Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tal-14 ta' Settembru 2011 ġew nominati bħala deputati kuraturi ta' A B C.

4. Illi fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju tas-sena 2013, fl-ismijiet "D E C vs Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut b'digriet tal-14 ta' Settembru 2011 ġew nominati bħala deputati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti A C" (Rikors ġuramentat 256/2011) dina l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-intimata u ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija ugwali bejn il-partijiet minħabba inkompatibilita' ta' karattru. Kopja legali tal-imsemmija sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok AM 1";

5. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

   i. Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn tnax (12)-il sena u legalement separati għal aktar minn sitt snin ai termini tas-sentenza sopra ċitata minn Mejju tas-sena 2013;
   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;
   iii. Illi ai termini tal-istess sentenza, dina l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiddetermina retta alimentarja lill-intimata u għaldaqstant ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejn il-partijiet;
   iv. Illi t-tfal ġja kienu maġġorenni fiż-żmien tal-proċeduri ta' separazzjoni u għaldaqstant ma hemmx manteniment pagabbli għat-tfal;

6. Illi dawn il-fatti huma kkonfermati mis-Sur Anthony Fredrick Milburn stess fl-affidavit tiegħu stess hawn anness u mmarkat bħala "Dok AM 2".

7. Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-intimata hija domiċiljata f' Malta u għandha r-residenza tagħha f' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fil-Knisja ta' Sant'Anna, Marsascala, nhar il-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990);
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħollu għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

U dan taħt dawk il-provvediment kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru 2019;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti twieġeb li ma għandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbeit kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Mejju, 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.